MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Appell Kriminali Numru. 393/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Bernard C. Spiteri)**
**Vs**
**Kevin Galdes**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli nhar is-16 ta’ Gunju, 2009 f’hinijiet differenti gewwa “Tres Jolie”, Triq il-Fraxxnu, San Giljan, ingurja jew hedded lil Marica Sultana bil-kliem.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghall-detenzjoni ta’ hmistax (15)-il gurnata.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata u filwaqt li tikkonferma fejn sabitu hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu tirriforma l-istess sentenza billi tipprovdi ghall-piena aktar mita w idoneja fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-piena fic-cirkostanzi kienet ferm eccessiva u mhux idoneja;
2. Illi in effetti l-appellant ammetta l-akkuza dedotta mal-ewwel u l-istess Marika Sultana iddikjarat li qed tahfirlu;
3. Illi jirrizulta li din il-kwistjoni u kwistjonijiet ohra simili kienu r-rizultat ta' relazzjoni turbalenti bejn l-appellant u l-ex partner tieghu;
4. Illi pero' gahndu jigi relevat li llum din ir-relazzjoni giet terminata ghal kollox u ma ghadx hemm intoppi u inkwiet bejniethom.

Ikkunsidrat :

Illi dan l-appell huwa limitat ghall-piena peress illi l-appellant deherlu illi hmistax il-gurnata detenzjoni ghal incident isolat mal-ex tfajla tieghu Marica Sultana kienet eccessiva.

L-appellant spjega illi dak inhar tal-incident huwa rritorna d-dar daqsxejn xurban u peress illi kien miksur mal-partner tieghu Marica Sultana din ta' l-ahhar ma rieditx tiftahlu l-bieb u kien hawnhekk illi l-appellant beda jirrabja w hedded lil Marica Sultana li jekk ma tiftahx il-bieb hu jizgassah.

Sultana ghamlet rapport lill-Pulizija w l-appellant tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuza ta' theddid u ingurji w l-

Ewwel Qorti sabitu hati. Dan ghamlitu wara li l-appellant ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat :

Fil-waqt illi huwa minnu illi meta jkun hemm dikjarazzjoni bikrija ta' htija l-Qorti tiehu din id-dikjarazzjoni fil-konsiderazzjonijiet taghha fl-ghoti tal-piena, ma jjfissirx illi l-Qorti hija marbuta b'xi parametri stretti li ghandom iwasslu sabiex l-appellant jigi mehlus minn piena karcerarja effettiva. Sakemm il-piena erogata mill-Ewwel Qorti tkun fil-parametri tal-ligi, din il-Qorti tassumi illi dik il-Qorti tkun ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha meta waslet ghal konkluzjoni taghha.

Kif ghalmet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri" fl-20.01.1995 "fuq ammissjoni tal-imputat, Qorti ma tistax hlief tghaddi ghal kundanna tieghu, a meno che ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura tal-imputazzjoni, jew li ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni ......."

F'dan il-kaz ma jirrizultax illi hemm dan id-difett fid-dikjarazzjoni ta' htija ta' l-imputat. Kien jaf x'kien qed jaghmel u fehem sew in-natura tal-akkuza illi huwa kien tenut iwiegeb.

M'hiex skuza illi l-appellant ghamel dak li ghamel ghax kien daqsxejn xurban. Ma rrizultax illi huwa kien imgieghel jixrob u sar xurban kontra l-volonta' tieghu. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu dan bhala attenwanti ghall-argument tal-appellant. Wara kollox kif ghallem id-dritt Ruman "Qui peccat ebrius luat sobrius" u dana huwa proprju dak illi gralu l-appellant.

Kif gie ritenut diversi drabi minn din il-Qorti "huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul minn l-Ewwel Qorti, jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-

konkluzzjoni li waslet ghaliha **(Il-Pulizija vs Amadeo Brincat et. 06.06.1994)**.

Ghalhekk din il-Qorti tikkonsidra illi l-piena kienet fil-parametri tal-ligi w l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni taghha. Ghalhekk mhux il-kaz li s-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------